# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34

Data tal-laqgħa: 1 ta' Marzu, 2017

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 1 ta' Marzu 2017 fis-6.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** | |
|---|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina | |
| Viċi Sindku | Mario Gauci | |
| Kunsillieri | Christopher Fenech | |
| | Carl Grech | |
| | Mark Azzopardi | 6.45p.m. |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Skużat | |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti | |

Il-laqgħa bdiet fis-6.35 p.m. billi ntqalet it-talba.

**34/01** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**34/01/01** Ma kienx hemm.

**34/02** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Nru 33**

**34/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**34/02/02** **Para 33/02/02:** Il-bozza ġiet imqabda u qed tixgħel.

**34/02/03** **Para 33/02/05:** Il-Kunsill qed isegwi ma' Sur Michael Cohen fuq ir-*resurfacing* ta' parti mit-Triq l-Indipendenza.

**34/02/04** **Para 33/02/06:** Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni ħallas il-kera tal-librerija pubblika. Is-Sindku spjega li nhar il-15 ta' Frar saret il-laqgħa mal-Kap tal-iskola. Bażikament in-naħa t'isfel ma hemmx spazju u l-unika kamra addattata hi dik li kienet tintuża qabel. Skont il-Kap tal-iskola l-klassijiet tal-kinder ma jistawx ikunu fuq. Kien hemm qbil unanimu li ssir laqgħa mal-Ministru Evarist Bartolo kif ukoll li niktbu lil Onor. Deborah Schembri.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/02/05** **Para 33/02/10:** It-*tender for embellishment works and installation of environmentally friendly playing field equipment at Ġnien ta' Żagħruna* bgħatnih għand id-Dipartiment.

**34/02/06** **Para 33/02/11:** Rigward l-ATM is-Sindku kiteb lill-Ministru fuq it-terminu taż-żmien kif ukoll tkellem ma' Sindku tal-Qrendi fuq numru ta' punti relatati mal-ATM. Għadna qeghdin nistennew risposta.

**34/02/07** **Para 33/02/12:** Fuq ix-xogħol ta' tisbieħ fi Triq Stiefnu Zerafa l-istima ta' Sur Oscar Mangion hi ta' €150. Il-Kunsill qabel li jġib stima oħra u li tintagħżel l-irħas offerta.

**34/02/08** **Para 33/02/13:** Il- Foreman tad-Direttorat tat-toroq għadu ma bagħatx risposta fuq il-laqgħa sabiex isir culvert fi Sqaq il-Ħofra u ieħor fi Triq San Nikola.

**34/02/09** **Para 33/02/20:** Is-Sindku qara l-ittra li bgħat lil Onor. Chris Agius fuq il-proġett tal-għaqda ta' B'Kara St. Joseph rigward il-ground ta' Xwieki. Il-Kunsill ma jaqbilx ma żvilupp massiv. Kien hemm bqil unanimu li nibagħtu avviż lir-residenti ta' Xwieki li jkun jinkludi l-ittra li bgħat is-Sindku lil Onor. Chris Agius u bir-risposta ta' dan tal-aħħar.

**34/02/10** **Para 33/02/15:** Il-proposta tal-isem ta' Sqaq ta' Ċint il-Wiesgħa ġie aċċettat mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq.

**34/02/11** **Para 33/02/19:** Is-Sindku kif ukoll is-Sur Christopher Fenech attendew għal-laqgħa mal-MPT fejn huma resqu t-talba sabiex il-*bus-bay* fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu jitla' iktar 'il fuq, filwaqt li jitneħħa l-*bus-bay* ta' Triq San Bartilmew u minflok tiġi *bus-stop*. Il-MPT hi tal-opinjoni li jekk isir din il-bidla n-nies ser joggezzjonaw. Is-Sindku spjega li aħjar jintużaw trakkijiet żgħar. Is-Sur Mario Gauci qal li l-unika mod sabiex ma joħolqux ostaklu u li l-karrozzi jieqfu fil-pjazza sabiex iniżżlu u jgħabbu lin-nies u jibqgħu sejrin. Is-Sur Christopher Fenech issuġġerixxa li waħda miż-żewġ rotot iddur minn Triq Stiefnu Zerafa għal Vjal ir-Republika u tispiċċa fi Triq l-Oratorju fejn il-bus bay jiġi fejn il-każin. Gie deċiż li l-proposta tas-Sur Christopher Fenech tintbagħat l- MPT u navzawhom ukoll li sadanittant il-karrozzi tal-linja ma ghandhom jipparkjaw b'mod abbużiv fil-Pjazza. Barra minn hekk is-Sur Gauci ressaq l-ilment ta' residenti li talab li l-bus stop ta' Triq Stiefnu Zerafa jerga' lura għal fejn kien peress li issa tlesta x-xogħol ta' bini. Is-Sur Fenech żied li fi Triq Stiefnu Zerafa jista' jsir *bus shelter* ħdejn id-dog bin. Is-Sur Mark Azzopardi qal li l-*bus shelter* ma għandux jiġi fil-kantuniera. Is-Sindku u s-Sur Fenech għandhom jkellmu lil TM dwar dan kollhu.

**34/02/12** **Para 33/02/20:** Fuq l-istima għal tabelli ġodda ta' zebra crossing fi Triq San Ġwann, il-Kunsill qabel li nġibu aktar stimi.

**34/02/13** **Para 33/03/01:** Is-Sur Christopher Bezzina huwa l-kuntrattur il-ġdid responsabbli mill-knis u l-indafa fil-Għargħur.

**34/02/14** **Para 33/05/03:** Fuq it-talba li jonqos id-*double yellow line* li sar fi Triq il-Qiegħed, is-Sindku spjega li ħa ssir site-visit.

**34/02/15** **Para 33/05/05:** It-tabella No U-Turn (ta' ħdejn l-Orange Tree) inxtrat u weħlet f'postha.

**34/02/16** **Para 33/05/07:** Fuq it-talba sabiex jitwal id-*double yellow line* li hemm fi Triq l-Indipendenza n-naħa ta' Da Nino għax meta jipparkjaw faċċata tal-garaxx ma jkunux jistgħu joħorġu minnu, saret site-visit u l-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/02/17** **Para 33/05/10:** Ġiet approvata l-istima mingħand is-Signmark sabiex Triq Fra D. Mifsud isir bil-kaxxi tal-parkeġġ. Kien hemm qbil unanimu li l-kuntrattur jibda mill-kantuniera ta Triq Vendome l-isfel.

**34/02/18** **Para 33/05/12:** Il-tabelli li ressaq is-Sur Christopher Fenech jiġifieri t-tabella tal-Emerġenza (112); Tabella li t-tfal għandhom ikunu akkumpanjati mill-ġenituri; l-isem ta' Triq Għar San Brinkat; Tabella Madliena, Baħar iċ-Ċagħak, Għargħur; Tabella ta' *Sleeping police* kif ukoll ta' *roundabout* saru kollha.

**34/02/19** **Para 33/05/13:** It-tiswija fuq il-*crash barrier* saret mill-ħaddiema tal-Kunsill peress li l-Koptasin talbuna €554.60.

**34/02/20** **Para 33/06/01:** Is-Sindku spjega li bħalissa qed isir in-numerar ta' diversi toroq fil-Għargħur.

**34/02/21** **Para 33/06/09:** Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill iħallas is-somma ta' €70 lil Signmark Ltd għal-linja bajda li kienet saret fit-Triq l-Oratorju.

**34/02/22** **Para 33/06/21:** Inxtraw l-erba' siġġijiet mingħand l-Invicta.

**34/02/23** **Para 33/06/26:** Fuq PA 03592/16 Construction of an aging residence at Naxxar, il-Kunsill qabel li l-Perit tal-Kunsill joggezzjona fuq il-*fresh plans*.

**34/02/24** **Para 33/06/27:** Is-Sindku kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv attendew għal-laqgħa tar-Reġjun mas-Segretarju Parlamentari.

**34/02/25** **Para 33/06/30:** Il-Kunsill irċieva l-istima mingħand l-M Quip Co Ltd u tiswija fuq il-Caledonia Village kienet se tiġi tiswa €268. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li dan ix-xogħol isir mill-ħaddiema tal-kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament li nġibu stima ħalli fejn kien hemm ir-rota tingħalaq ħalli ma jkunx hemm periklu għat-tfal.

**34/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**34/03/01** Waqt il-laqgħa tar-Reġjun Tramuntana s-Sindku tkellem fuq il-bżonn li jiġu rrestawrati l-*Victoria Lines*. Saħaq ukoll li jistgħu jinħarġu numru ta' tenders bejn diversi Kunsilli Lokali. Barra minn hekk tkellem ukoll fuq strateġija ta' turiżmu għal postijiet bħas-*Searchlight Battery* u *Semaphore Tower*.

**34/03/02** Is-Sur Ġiljan Aquilina kif ukoll is-Sur Christopher Fenech skużaw ruħhom li ma nfurmawx formalment lil Kunsill kien ser jorganizza attività ghall-Karnival. Is-Sindku spjega li din l-attività kienet imniżżla fil-budget ta' din is-sena.

**34/03/03** Is-Sindku spjega li l-Kunsill ha jitfa l-applikazzjoni għal Miżura 4.3 - Appoġġ għall-

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

investimenti fl-infrastruttura relatati mal-iżvilupp, il-modernizzazzjoni jew l-adattamenti tal-agrikoltura u l-forestrija.

**34/03/04** Talba mill-Kumitat Festa għal pilantri (16-il toqba). Kien hemm qbil li nġibu stima mingħand id-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex dawn jagħmlu x-xoghol filwaqt li l-Kumitat Festa kien ser jiehu hsieb jixtri l-materjal kollhu li kien hemm bzonn.

**34/03/05** Is-Sur Ġiljan Aquilina talab li tinħareġ sejħa għal xiri ta' *sleeping police*, kulħadd qabel.

**34/03/06** Is-Sindku preżenta d-dokument tat-tender għal Servizz ta' Bulky Refuse. Dan ġie approvat.

**34/03/07** Fuq ir-restawr tal-*Victoria Lines*, is-Sindku spjega li hemm min lest li jagħti *sponsorship*. Sadanittant is-Sindku ħa jkellem lil Planning Authority biex jara x'tip ta' permessi għandna bżonn. Il-Kunsill innota li l-Victoria Lines huma skedati u li l-Kunsill ma jistax jaghmel xoghol fuqhom. Gie ghalhekk deciz li l-persuna li lesta taghti dan l-*isponsorship* ghanda tkellem direttament lil-Planning Authority. Kunsillier Christopher Fenech propona li isir laqgha mal-Ministru Herrera bies jigu diskussi din it-tema fost affarijiet ohra. Kien hemm qbil.

**34/03/08** Is-Sur Ġiljan Aquilina qal li l-Kunsill ħa jkun qiegħed jippromovi attività b'risq Puttinu**.**

**34/03/09** Is-Sindku ressaq quotation ta' €225 mingħand Elia Caterers għal attività ta' 'Jum il-Mara'. Kien hemm bqil unanimu.

**34/03/10** Il-Kunsill Lokali tal-Għargħur qiegħed jaqbel li parti minn Ġnien il-Paċi ser tintuża għal-skop ta' ATM mill-Bank, Bank of Valletta. Dan il-post ser jingħata mingħajr kera pero' l-ispejjeż kollha relatati mal-operat tal-ATM ser jiġu imħallsa mill-Bank.

**34/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**34/04/01** Ma kienx hemm.

**34/05 Ilmenti u Suġġerimenti**

**34/05/01** Talba mis-Sinj. Tania Muscat Aquilina għal tabelli biex ma jidħlux biż-żwiemel fi Triq Għaxqet l-Għajn. Dan għaliex qed iħallu ħafna ħmieġ taż-żwiemel - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/02** Ħsara fil-bankina fi Triq San Ġwann - Il-Kunsill talab iktar informazzjoni pero' gie deċiż li jekk din tirreferi għal fejn sar xogħol ta' bini t-tiswija tal-bankina għandu jsir minn min għamel ix-xogħol.

**34/05/03** Talba mis-Sinj. Anna Gauci fejn qed titlob sabiex ma jgħaddux iktar trakkijiet kbar minn Sqaq Ružarju peress li saret ħsara mal-faċċata tagħha. Ġie innutat ukoll li twaqqa żejt fl-isqaq u ħmieġ iehor. Għandha isir site visit.

**34/05/04** Talba mis-Sinj. Maria Vella sabiex issir CCTV camera fi Triq San Ġwann ħdejn il-culvert jew inkella l-culvert jissakkar b'katnazz - Il-Kunsill qabel li Sinj. Vella għandha

ċċempel l-għassa. Sadanittant is-Sindku qal li hu kien avvicinat mill-persuna li għamel żvilupp fi Sqaq il-Ħofra u din issuġġerit li issir katusa ħalli l-ilma tax-xita ma jinżilx aktar fil-ġiebja imma jibqa' sejjer lejn il-wied. Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-suġġeriment. Il-ġiebja ilha hemm għexieren ta' snin u qatt ma ġie ippruvat li din ħolqot il-problemi. Jidher li min għamel l-izvilupp tal-appartamenti ma ħax ħsieb sew sabiex ma jidħolx ilma fil-bini.

**34/05/05** Suġġeriment sabiex issir tabella ħalli nies jiġbru l-ħmieġ tal-klieb bejn Casa Gregorio u Casa Carlson fi Triq Wieħed u Tletin ta' Marzu – Kien hemm qbil unanimu.

**34/05/06** Talba mis-Sur Joe Mercieca għal tabella *drive slow* fi Triq San Nikola Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/07** Is-Sur Webb qed jitlob li ssir bankina quddiem il-bieb ta' dar fi Triq San Ġwann sabiex ma jipparkjawx karozzi u hu jkun jista jidhol fid-dar tieghu. Is-Sur Mario Gauci u Sur Mark Azzopardi jaqblu li ssir bhala sar f'kazi ohra f'toroq ohrajn ukoll specjalment minhabba n-numru kbir ta' ilmenti li jidhlu minnhabba ipparkjar hazin. Is- Sur Christopher Fenech ma jaqbilx. Is-Sindku ssuġġerixxa li nġibu *drawing* u naraw kemm sa tiġi wiesgħa t-triq wara li ssir l-bankina. Ġie innutat li fil-post fejn intalbet li issir bankina hemm double yellow lines pero kwazi kontinwament qedin jipparkjaw vetturi b'mod abbużiv li qegħdin ifixxklu l-mixi tat-traffiku.

**34/05/08** Talba mis-Sinj. Carmen Azzopardi sabiex il-kaxxa tal-parking tal-mutur (fi Triq il-Kbira) titla' iktar 'il fuq - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/09** Talba mis-Sinj. Sylvana Muscat biex isir *double yellow line* fi Triq Caravaggio – Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiltaqa' ma' Sinj. Muscat.

**34/05/10** Talba għal fanal ġdid fi Triq Mons. L. Catania mal-faċċata ta' Karmnu – Kien hemm qbil unanimu.

**34/05/11** Suġġeriment mis-Sur Ganni Debono sabiex tinbidel tabella li qdiemet fl-inħawi tal-Ferħa li turi li t-triq tagħlaq – Kien hemm qbil unanimu.

**34/05/12** Talba biex jinbidlu żewġ tabelli fi Triq il-Wiesgħa biswit il-Każin tal-PN – Kien hemm qbil unanimu kif ukoll gie deciz li parking slot ghal disabled issa titnehha.

**34/05/13** Talba mis-Sur Albert Zarb sabiex titneħħa *sleeping police* fi Triq Karmnu Zarb - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/14** Talba mis-Sur Andrew Bezzina sabiex titneħħa kaxxa ta' mutur fi Vjal ir-Repubblika – Il-Kunsill qabel li Sur Bezzina għandu jċempel l-għassa.

**34/05/15** Ilment sabiex jitpoġġew CCTV cameras fil-Pjazza tad-Dejma - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/16** Ilment mis-Sinj. Rose Marie Galea sabiex il-karrozza tal-linja ma tgħaddix minn Triq San Bartilmew waqt li tfal ikunu deħlin l-iskola – Il-Kunsill ma qabilx ma dan is-

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

suggeriment.

**34/05/17** Talba mis-Sinj. Rose Marie Galea sabiex isiru xi *sleeping police* fi Triq Stiefnu Zerafa - Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

**34/05/18** Diversi ilmenti fuq żvilupp illegali f'tal-Ferħa – Il-Kunsill ma jaqbilx ma' dan l-iżvilupp. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tagħmel kuntatt mal-ERA u PA biex naraw jekk ix-xogħol isir kif suppost u bil-permessi meħtieġa. Ġie intotat li l-applikant żgwida lill-pubblika meta qal lil-proġett ser isir fil-Wied ta' Paswella u fir-realta dan qed isir fuq in-naħa l- ohra ta' Triq tal-Ferha. Gie innutat ukoll li dan l-izvilupp (aktarx ta' farm) qed isir f'zona ODZ. Il-Kunsill ser ikompli isegwi u ser jikteb fuq il-paġna tal-Facebook tiegħu li ma jaqbilx ma' żvilluppi f'ODZ fosthom ma' dan l-iżvilupp.

**34/05/19** Is-Sur Mario Gauci ressaq li ssir tabella ġdida ħdejn il-Mużew ta' subien fi Triq Mons. Luigi Catania sabiex turi meta t-triq tkun magħluqa. Kien hemm qbil unanimu.

**34/05/20** Il-Kunsill kellu diversi ilmenti minn diversi anzjani fuq l-aħħar coffee morning li sar għall- anzjani peress li s-Sur Anthony Mifsud Bonnici, li mhux membru tas-Sotto Kumitat għall-Anzjani, ħa ħsieb l-attivita' hu. Dan meta kien hemm membri tas-Sotto Kumitat li setgħu jieħdu ħsieb l-attivita' huma u li kollha huma nies li jgawdu fiducja unanima mill-Kunsill. Ġew innotati diversi nuqqasijiet li ma jridux jerġgħu jirrepetu ruħhom.

Il-persuna konċernata ser tiġi infurmata fejn filwaqt li ngħidulha li hi tista' tkompli tattendi dawn l-attivitajiet l-aministrazzjoni tal-flus u tal-attivita trid titħalla f'idejn il-membru elett, l-istaff u s-sotto Kumitat. Barra minn dan is-Sindku qal li wara li sar jaf b'dan kien sejjaħ laqgħa tas-Sotto Kumitat u tkellem rigward l-importanza li jkun hemm persuna eletta jew li tgawdi l-fiduċja tal-Kunsill Lokali li tieħu ħsieb attivitaijiet bħal dawn. Hu qal li jekk ġa la darba l-Kunsillier responsabbli mhux ser ikun jista' jattendi, ser jagħmel ħiltu hu biex jattendi u jara li l-affarijiet jimxu sew għal ġid tar-residenti tagħna speċjalment l-anzjani Għargħurin.

**34/05/21** Is-Sur Christopher Fenech ressaq li ssir tabella bl-informazzjoni fuq ix-xelter. Kien hemm qbil unanimu. Barra minn hekk issuġġerixxa li jigu installati cameras ta' CCTV fi Ġnien il-Paċi. Is-Segretarju Ezekuttiv għandha tiġbor 3 *quotations*.

**34/05/22** Is-Sur Mark Azzopardi ressaq suġġeriment sabiex fuq il-ħajt tas-sejjieħ fil-Pjazza tad-Dejma jitpoġġew xi fjuri jew qsari sabiex isebħu l-ambjent. Is-Sur Christopher Fenech għandu jagħmel kuntatt mal-E.L.C. Kien hemm qbil unanimu.

**34/05/23** Is-Sur Christopher Fenech tkellem fuq il-bżonn ta' Wifi fil-pjazza tal-Lokal. Ser isir laqgħa mal-Ministru Mallia li taħtu taqa' MCA.

**34/06 Korrispondenza**

**34/06/01** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/06/02** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur Jeffrey Ellul fejn infurmana li l-proposta tagħna ġiet aċċettata mill-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq.

**34/06/03** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sur Mark Zammit fuq Outdoor Cinemas. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Sur Zammit.

**34/06/04** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Marie-Jeanne Borg fuq Allowance lill-Kunsillieri.

**34/06/05** Il-Kunsill approva l-istima tas-Signmark sabiex Triq Fra D. Mifsud isir bil-kaxxi tal-parkeġġ.

**34/06/06** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**34/06/07** Ġiet innutata korrispondenza mis-Sinj. Anna Azzopardi fuq *Local Council Funds* fejn il-bilanċ tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur hu ta' €35,971.68.

**34/06/08** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sinj. Vanessa Borg fuq l-*upgrade* tal-website.

**34/06/09** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla fuq Revised Street Light Program Manager Licence fee and maintenance – sal-lum jidher li se nħalsu €300. Il-Kunsill ma qabilx li għalissa naċċettaw li nħallsu parti mill-ispejjeż. Jidher li fir-Reġjun ma hemmx qbil dwar dan.

**34/06/10** Il-Kunsill innota *quote* mill-M Quip Co Ltd għat-tiswija tal-*Caledonia Village* fi Ġnien il-Paċi.

**34/06/11** Il-Kunsill innota *quote* mill-Koptasin għat-tiswija tal-*crash barrier* fi Triq Għar San Brinkat.

**34/06/12** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**34/06/13** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir oġġezzjoni fuq PA06203/08.

**34/06/14** Ġiet innutata korrispondenza fuq il-Ġimgħa Mqaddsa 2017 fejn ħa ssir laqgħa mal-Pulizija nhar is-27 ta' Marzu 2017.

**34/06/15** Il-Kunsill innota *quote* għal *objection letter* mill-Perit tal-Kunsill għal prezz ta' €250

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

(exc. VAT) dwar l-iżvilupp ta' dar għall-anzjani fin-Naxxar . Ġie deċiż li din tiġi aċċettata.

**34/06/16** Il-Kunsill irċieva korrispondenza mis-Sur George Abdilla fuq il-Project WO.

**34/06/17** Ġiet innutata korrispondenza mill-MEPA.

**34/06/18** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA.

**34/06/19** Il-Kunsill innota *quote* għal Traffic Lights minn Robert Ellul/Firetech Ltd. Gie deciz li din tintbaghat lil TM.

**34/06/20** Il-Kunsill unanimament approva l-ittra li prepara l-Av. John Gauci.

**34/06/21** Ġiet innutata korrispondenza mill-PA. Il-Kunsill qabel unanimament li ssir oġġezzjoni fuq PA006896/16.

**34/06/22** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sur Michael Cohen fuq laqgħa li ħa ssir nhar il-Ġimgħa 10 ta' Marzu fit-3.00p.m. li tirrigwardja *Traffic Management Policies and guidelines.*

**34/06/23** Il-Kunsill irċieva korrispondenza minn Dr Marc Sant Cirk/20 fuq Working groups dwar appartamenti li jinkrew speċjalment għal żmien qasir.

**34/06/24** Il-Kunsill innota l-ittra li s-Sindku bgħat lil Onor. Chris Agius.

**34/06/25** Ġiet innutata quotation mingħand Strand Electronics Ltd fuq parts ġodda għal photocopier. Din il-quotation ma ġietx aċċettata.

**34/06/26** Il-Kunsill innota korrispondenza mis-Sinj. Isabella Camilleri Aquilina rigward l-iskema tal-attivitajiet kulturali fejn l-applikazzjoni tagħna ma ġietx aċċettata.

**34/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**34/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti. Ġie deċiż li jiġi approvat wkoll il-ħlas tal-aħħar pagament ta' xogħol relatat mal-ATM.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**34/08** **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**34/08/01** Il-laqgħa spiċċat fid-9:15p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa, 22 ta' Marzu 2017 fis-6:00pm.

*(firmati)* *(firmati)*

**Ġiljan Aquilina** **Maria Tanti**
**Sindku** **Segretarju Eżekuttiv**